MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Numru. 21/2004

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

VS

Aldo Acunzo ta' 50 sena, imwieled Napli, Italja fl-1 ta' Jannar, 1954, bin Michele u Anna nee' Pacere u residenti f'Malta Hotel Valentina, San Giljan, bl-indirizz permanenti 159, Via Plinio, Pompei, Italja .
U
Michele Esposito ta' 31 sena, imwieled Napli fil-5 ta' Frar, 1973, bin Federico u Antonietta nee' Carbone, u residenti f'Malta Hotel Valentina, San Giljan, bl-indirizz permanenti 25, Via Cristoforo Colombo, Napli, Italja .

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi li permezz taghhom l-imputati gew akkuzati talli fit-13 ta' Mejju, 2004, wara nofs inhar, f'Ghawdex iggestew attivita kummercjali f'xi triq minghajr licenzja mill-Awtorita' Regolatorja .

Ukoll talli fl-istess data u hinijiet f'Ghawdex wettqu impieg minghajr ma taw avviz lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig .

Ukoll talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ghamlu uzu, xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni lli tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema bi ksur tal-Art. 298 (c) tal-Kap. 9 .

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt taw bidu ghal esekuzzjoni ta' delitt ta' frodi b'ghemil qarrieqi (art. 308 tal-Kodici Kriminali) liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom .

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi kif dedotti .

Il-Qorti ghal hekk in vista ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi ssibhom hatja u tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena, a tenur ta' l-artikolu 28 (a) tal-Kap. 9; u a tenur ta' l-artikolu 23 (b) ta' l-istess Kodici Kriminali, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti .

Tordna a tenur ta' l-artikolu 329 (a) subinciz (2) ta' l-istess Kodici, notifika lill-avukat generali ta' din is-sentenza

Din is-sentenza sospiza inghatat wara li l-Qorti permezz ta' l-interpretu nominat minnha fissret sewwa lill-imputati l-implikazzjonijiet ta' din is-sentenza sospiza, u dan a tenur tal-ligi .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------